14 ta' Diċembru, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Carmelo Armeni pr. et ne. *versus* Joseph P. Vassallo ne.

**Attendenza Obligatorja fl-Iskejjel — Direttur tal-Edukazzjoni — Interpretazzjoni — Art. 2 u 3 (1) ta' l-Ordinanza IV tal-1946**

*Bis-saħħa tad-dispożizzjoni tal-art. 2 tal-Ordinanza IV tal-1946 (emendanti l-Att tal-1924 dwar l-attendenza* obligatorja fl-iskejjel*), kull tifel jew tifla li, meta ġiet promulgata dik il-liġi, kien reġistrat bħala skular f'xi skola publika, primarja jew teknika, ġie lilu magħmul obligu li jkompli jattendi regolarment dik l-iskola sa kemm jottjeni minn għand il-"headmaster" ta' l-istess skola ċertifikat li għadda l-aħħar eżami tal-ogħla klassi fl-iskola publika primarja, jew li għamel il-kors kollu fl-iskola teknika.*

*Din id-dispożizzjoni hija tant ċara, li ma tagħtix lok għal interpretazzjoni oħra ħlief dik li toħroġ mis-sens letterali tagħha; u hu evidenti li dik id-dispożizzjoni tfisser li l-obligu mpost mill-liġi hu dak li t-tfal ikomplu jattendu l-iskola publika fejn huma reġistrati sakemm jottjenu mill-"headmaster" jew "headmistress" ta dik l-iskola ċertifikat li għaddew l-eżami finali tal-ogħla klassi ta' dik l-iskola.*

*Dana l-obligu tagħhom huma għandhom id-dritt li jikkonformaw ruħhom għalieħ skond kif jinsab impost mill-liġi; u għalhekk għandhom id-dritt jopponu ruħhom għal kwalunkwe provvediment li jvarja l-kondizzjonijiet fl-espletament ta' dak l-obligu tagħhom.*

*Konsegwentement,* l-ordni tad-Direttur tal-Edukazzjoni li dawk it-tfal *ma jkomplux jattendu l-iskola fejn huma reġistrati, u li jiġu trasferiti fi skola oħra fejn it-tagħlim ma jasalx sal-istess grad tat-tagħlim li jingħata fl-iskola fejn huma reġistrati, huwa illegali u mingħajr effett; u dawk it-tfal għandhom id-dritt ikomplu jattendu l-iskola fejn huma reġistrati.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara illi ppremetta illi l-imsemmija *minorenni Tessie u Rose aħwa Armeni, li* huma ulied tal-attur, huma reġistrati fl-Iskola Primarja (Elementari) Governattiva tal-Furjana, rispettivament fi Standard III u fi Stage II, u ilhom jattendu l-istess skola, Tessie għal erbgħa snin, u Rose għal sena; u illi, fuq ordni arbitrarja tal-konvenuti, jew min minnhom, l-imsemmija minorenni ġew imwaqqfa mill-attendenza tagħhom f'dik l-iskola u ġew projbiti milli jattendu iżjed, u ordnati biex imorru fl-Iskola Primarja Governattiva tal-Imsida; u illi, skond *il-liġi, l-imsemmija minorenni għandhom jattendu* fl-Iskola tal-Furjana, fejn huma reġistrati u fejn attendew għal diversi snin, u fejn bdew jattendu anki f'din is-sena skolastika 1956/57; u illi, non ostante li l-intimati ġew interpellati, anki ġudizzjarjament, biex jippermettu lill-imsemmija minorenni jattendu fl-iskola tal-Furjana, huma naqsu milli jagħmlu dan; talab illi, wara li jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni u jingħataw id-dikjarazzjonijiet neċessarji, jiġi deċiż u dikjarat illi l-imsemmija minorenni *Tessie u Rose aħwa Armeni* għandhom id-dritt li jibqgħu jattendu fl-iskola publika primarja tal-Furjana, Tessie fi Standard III, u Rose fi Stage II; u illi għalhekk l-ordni tal-konvenuti jew min minnhom, li ma jkomplux jattendu f'dik l-iskola, hu illegali u mingħajr effett; u dana għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ottubru, 1956, kontra l-konvenuti, li għandhom jibqgħu nġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni;

*Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenut Joseph Vassallo nomine oppona illi l-aġir tiegħu mhux biss hu perfettament legali, imma hu fl-aħjar interess tal-edukazzjoni u fil-kommodu tal-poplu, u illi d-dispożizzjoni tal-liġi citata mill-attur ma għandhiex x'taqsam mal-każ preżenti, għax hi tikkostitwixxi impożizzjoni għat-tfal u għall-ġenituri tagħhom, u mhux ostakolu għad-Direttur tal-Edukaz-

zjoni li jiehu dawk il-provvedimenti li jidhirlu l-aktar vantaġġjużi għall-edukazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fiż-17 ta' Novembru 1956, li biha ġiet respinta t-talba tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur għandu t-tfal minuri tiegħu Tessie u Rose reġistrati bħala allievi fl-iskola tal-Gvern Primarja tal-Furjana, l-ewwel waħda ilha mill-1952 u l-oħra mill-1955. F'Settembru ta' din is-sena huma kienu jattendu fi Standard III u fi Stage II rispettivament, meta, fuq ordni tal-konvenut bħala Direttur tal-Edukazzjoni, skond istruzzjonijiet superjuri, it-tfal ta' dik l-iskola, fosthom dawk tal-attur, mit-Third Standard l-isfel, ġew trasferiti fl-Iskola tal-Gvern li hemm Pietà Wharf quddiem it-Torpedo Depot. Il-konvenut xehed li dan sar minħabba nuqqas ta' kumdità fl-iskola tal-Furjana, fejn qiegħed jiġi użat bħala skola anki l-oratorju tal-Knisja ta' San Publiju, u biex ikun possibbli d-dħul almenu ta' x'uħud mit-tfal ġodda;

Illi sal-lum it-tagħlim fl-iskola tal-Furjana hu aktar għoli minn dak tal-iskola ta' Pietà Wharf;

Illi l-attur, li joqgħod Blackley Street, Pjetà, insista biex it-tfal tiegħu jkomplu jattendu l-iskola tal-Furjana; billi għandu tifla oħra żgħira f'din l-iskola; iżda fid-9 ta' Ottubru 1956 (dok. C) hu ġie nfurmat mill-konvenut li dan ma kienx possibbli; u allura hu għamel dil-kawża; u sa dattant ma bagħatx lit-tfal fl-iskola l-oħra;

Illi l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat u deċiż li t-tfal tiegħu għandhom id-dritt li jibqgħu jattendu l-iskola tal-Furjana, Tessie fi Standard III u Rose fi Stage II, u li għalhekk l-ordni tal-konvenut li ma jibqgħux jattendu f'dik l-iskola, hu illegali u mingħajr effett, u dana in bażi tal-art. 3 (1) tal-Att XXII tal-1924 dwar l-Attendenza Obbligatorja fl-Iskejjel;

Illi l-art. 3 (1) ta' dan l-Att, għal dak li jirrigwarda l-każ preżenti, jistabbilixxi illi kull tifel jew tifla, skond l-art. 2, li ismu jidher fir-reġistri ta' skola pubblika primarja bħala allijev, għandu jkompli jattendi regolarment sakemm

jikseb minn għand il-kap tal-iskola li jattendi ċertifikat li hu għadda l-aħħar eżami tal-għola standard, u illi, jekk fil-belt jew villaġġ fejn it-tifel jattendi, jew f'post raġjonevolment distanti, skond ma jiddefinixxi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, minn dik il-belt jew villaġġ ikun hemm skola primarja publika oħra li jkollha standard maximum aktar għoli, allura t-tifel għandu jkompli bħala alljev f'din l-iskola l-oħra sakemm jikseb iċ-ċertifikat meħtieġ dwar l-għola klassi f'din l-iskola l-oħra;

Illi l-attur jikkontendi li, darba li l-iskola fejn ġew trasferiti t-tfal tiegħu, li mhix fl-istess belt jew villaġġ fejn huwa rreġistrahom, mhix ta' standard ta' tagħlim għola, u lanqas ma hemm definizzjoni ministerjali dwar id-distanza, allura dawk it-tfal għandhom id-dritt li jibqgħu jattendu l-ewwel skola, u li għalhekk l-ordni tal-konvenut li ma jkomplux hu "ultra vires" tal-poteri statutorji skond l-Att fuq imsemmi;

Illi l-Att invokat mill-attur kien l-ewwel pass governattiv enerġiku kontra l-analfabetiżmu f'dawn il-Gżejjer. Sa allura, il-ġenituri la kellhom l-obligu li jibgħatu t-tfal tagħhom l-iskola, u lanqas li, darba li jibgħatuhom, ma joħorġuhomx meta jfettlilhom; u għalhekk dik il-liġi ġiet magħmula biex, fil-waqt li tħalli l-ġenituri liberi jekk jibgħatux lill-uliedhom l-iskola, ma tħallihomx aktar liberi, miż-żmien hemm indikat, li joħorġuhom ħlief fiċ-ċirkustanzi stabbiliti fl-istess liġi. Anzi, fil-waqt li mponiet littfal l-obligu li jattendu l-iskola regolarment, irrendiet lill-istess ġenituri responsabbli, taħt sanzjonijiet penali, għannuqqas tat-tfal f'dan ir-rigward;

Matul iż-żmien, dak l-Att ġie emendat skond il-bżonnijiet li nħolqu imħabba fl-awment tal-popolazzjoni, il-bini ta' skejjel ġodda, u l-estensjoni tat-tagħlim; u hekk baqa' jiġi regolat l-obligu għall-frekwenza skolastika tat-tfal, sakemm, bl Ordinanza II tal-1946, biex tiġi milħuqa formazzjoni morali u kulturali tal-popolazzjoni, ġiet imposta l-edukazzjoni skolastika obligatorja, bir-responsabbiltà penali lill-ġenituri għall-kura tagħha;

L-emendi għall-Att, rilevanti għal dil-kawża, kienu f'dan is-sens. Mentri fil-bidu l-obbligu tal-attendenza kien li l-alljev jattendi regolarment l-iskola publika elementari fejn ikun ġie reġistrat, bl-Att numru VIII tal-1927 dan l-obligu ġie mpost anki għar-rigward ta' skola elementari publika oħra fl-istesss belt jew villaġġ ta' dik l-iskola li t-tifel ikun jattendi, li jkollha standard ta' tagħlim għola, u f'dal-każ it-tifel ikollu jkompli t-tagħlim tiegħu fl-iskola l-oħra. Sussegwentement, bis-saħħa tal-Ordinanza IV tal-1946, l-istess obligu ta' attendenza fi skola oħra ta' grad għola ġie estiż għall-każ ta' skola ta' dix-xorta li tkun barra mil-belt jew villaġġ fejn it-tifel jattendi skola publika primarja, iżda f'distanza raġjonevoli skond ma jidhirlu l-Gvernatur. Bl-Att XIII tal-1948 għall-Gverntaur ġie sostitwit il-Ministru tal-Edukazzjoni;

Illi jidher ċar, mill-premess, illi l-iskop tal-liġi hu li tiġi assikurata l-frekwenza skolastika permezz ta' l-obligu lill-alljev li jattendi regolarment, u l-obligu lill-ġenituri li jadoperaw ruħhom għal dan l-oggett; imma qatt ma kien skop tal-liġi li l-Gvern jiġi ristrett fil-libertà tiegħu li jistabbilixxi fejn jidhirlu l-aktar konvenjenti l-iskejjel elementari jew primarji, u li jiddistribwixxi l-klassijiet u n-numru tal-alljevi skond l-eżiġenzi tal-mument. Hekk, fil-kawża "La Polizia vs. Giuseppe Agius", deċiża mill-Qorti tal-Appell f'Sedi Kriminali — Imħallef il-kompjant Dr. Luigi Camilleri (Kollez. XXVI-IV-812-813), il-Qorti rriteniet, rigward l-Att fuq imsemmi, illi "...... il legislatore non ha avuto per iscopo di restringere la libertà del Governo di stabilire in qualunque luogo più conveniente ed opportuno le scuole elementari, o di distribuire le diverse classi tra le dette scuole, secondo le esigenze, il numero disponibile degli insegnanti ed il numero degli allievi, o la libertà degli stessi allievi di trasferirsi da una scuola elementare ad un'altra secondo la loro convenienza; ma unico fine suo era quello di rendere obbligatoria la frequenza regolare degli allievi di una scuola elementare fino a superare l'esame dell'ultima classe della stessa, in qualunque scuola potessero avverarsi le attendenze, salvo quanto si è detto in caso di

trasferimento del *fanciullo ad un'altra* scuola pubblica o privata";

Għalkemm dina s-sentenza hija anterjuri għall-emendi li minn dak inhar saru għal dak l-Att, xorta baqa' l-iskop *immedjat ta' dak l-Att, għax l-emendi ma rrestrinġewx id*-dritt tal-Gvern li jiddistribwixxi l-iskejjel u l-klassijiet u n-numri ta' alljevi skond l-eżiġenzi taċ-ċirkustanzi. Jekk dawn l-emendi biddlu l-*pożizzjoni* ġuridika ta' l-alljevi u tal-ġenituri, dana setgħu jagħmluh għar-rigward ta' l-obligi — dejjem taħt il-liġi in kwistjoni u ndipendentement mill-liġi fuq l-edukazzjoni obligatorja — tat-tifel li jiffrekwenta regolarment l-iskola u tal-ġenituri li jadoperaw ruħhom għal dan;

Illi għalhekk, għalkemm iċ-ċirkustanzi ta' dal-każ jistgħu talvolta *jkollhom influwenza* fuq il-pożizzjoni ġuridika, fil-konfronti ta' l-Att fuq imsemmi, ta' l-attur u t-tfal tiegħu relattivament għall-obligu tal-frekwenza fl-iskola ta' Pietà Wharf, u r-responsabbiltà penali relattiva, b'dana kollu t-tfal ta' l-attur ma għandhomx id-dritt li jibqgħu jattendu l-iskola publika tal-Furjana, darba li hemm l-ordni governattiv, mogħti per mezz tal-konvenut bħala Direttur ta' l-Edukazzjoni, li l-kategorija ta' l-alljevi fuq imsemmija, inklużi t-tfal ta' l-attur, ma tibqgħax tattendi l-iskola tal-Furjana. Il-portata ġuridika ta' dak l-ordni, fil-konfronti ta' l-obligu ta' l-attur u t-tfal tiegħu, u r-responsabbiltà penali relattiva għar-rigward tal-frekwenza tat-tfal fl-iskola l-oħra, toħroġ mill-ambitu tad-domanda; u għalhekk il-Qorti ma tieħux konjizzjoni tagħha;

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawża fuq ċitata, dwar ir-relazzjoni ġuridika li toħroġ mir-reġistrazzjoni ta' *tifel* bħala alljev fi skola publika taħt l-Att in kwistjoni, "........questo non è un contratto, alla validità del quale è necessario il consenso, nè la obbligatorietà della frequenza scolastica è basata sul consenso espresso o tacito dei genitori, ma essa si è imposta a qualunque fanciullo che di fatto al 31 dicembre 1924, si fosse trovato registrato come allievo, di una scuola pubblica elementare e a qualunque altro che così si

fosse inscritto dopo quella data". L-emendi għall-liġi prinċipali ma biddlu bl-ebda mod din il-pożizzjoni ġuridika;

Lanqas ma jista' jiġi obbjettat li bil-miżura li ħa l-konvenut il-Gvern ikun talvolta poġġa lill-attur u t-tfal tiegħu fil-pożizzjoni li ma josservawx l-obligi mposti lilhom bl-Att fuq imsemmi, jew inkella li dik il-miżura ma kienetx ġustifikata miċ-ċirkustanzi; għax dawn huma kollha obbjezzjonijiet ta' ċensura għall-ordni mogħti mill-konvenut. Liema ordni, bħala att governattiv "jure imperii", eżerċitat minn min kien awtorizzat jeżerċitah u mhux projbit mill-liġi, hu insindakabbli mit-tribunali;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa d-domanda minnu dedotta bl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-preżenti istanza tinsab bażata fuq id-dispożizzjoni tal-art. 2 tal-Ordinanza Nru. IV tal-1946 (emendanti l-Att tal-1924 dwar l-attendenza obligatorja fl-iskejjel);

Bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni jinsab stabbilit li "every child whose name appears in the school registers of a public primary school, or of a technical school, as a pupil, in any of its standards or stages, shall continue to attend such schools regularly until it shall have obtianed from the head of the school it attends a certificate of having passed the final examination of the highest standard in the public primary school; or of having completed the course in the technical school". Dan ifisser li kull tifel jew tifla li, meta ġiet promulgata dik il-liġi, kien reġistrat bħala skular f'xi skola publika, primarja jew teknika, ġie lilu magħmul obligu li jkompli jattendi regolarment dik l-iskola, sakemm jottjeni mill-"headmaster" tal-istess skola ċ-ċertifikat li għadda l-aħħar eżami tal-istess skola publika primarja, jew li għamel il-kors kollu fl-iskola teknika;

Ikkunsidrat;

Illi s-sottomissjoni tal-appellati nomine hija li bid-dispożizzjoni tal-liġi fuq riportata huma mhumiex preklużi li jordnaw it-trasferiment ta' tfal minn skola publika primarja għal oħra; u żiedu jgħidu illi l-liġi fuq ċitata tikkostitwixxi impożizzjoni għat-tfal u għall ġenituri tagħhom, u mhux ostakolu għad-Direttur tal-Edukazzjoni *li jieħu dawk il-provvedimenti li jidhirlu l-aktar vantaġġjużi għall-edukazzjoni;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mil-provi — u fuq hekk ma jidherx li hemm kuntrast bejn il-kontendenti — li t-tfal tal-appellant, Tessie u *Rose, kienu jiffrekwentaw il Government Primary School* tal-Furjana; f'liema skola Tessie ilha reġistrata mis-sena 1952, u Rose mis-sena 1955. Lanqas ma hu kontrastat li f'dik l-iskola l-ogħla klassi hija Standard VI, li hija l-ogħla fl-iskejjel primarji tal-Gvern. F'Settembru li għadda l-imsemmija Tessie Armeni kienet qiegħedha tattendi l-klassi Standard III, u Rose Armeni l klassi *Stage II,* fl-imsemmija skola tal-Furjana, meta, fuq ordni tal-konvenut Vassallo nomine, huma, flimkien ma' tfal oħra li kienu jattendu l-istess skola fi klassijiet minn Standard III l-isfel, ġew trasferiti fl-iskola primarja li hemm il-Pjetà. F'din l-aħħar skola, it-tagħlim sal-lum ma jasalx għall-istess grad għoli tal-iskola tal-Furjana. L-appellant oġġezzjona *għal dak it-trasferiment* ta' uliedu; u billi ma rnexxielux bit-tajjeb jottjeni r-revoka tal-istess trasferiment, ġie l-quddiem b'din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kliem tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq riportata l-obligu biha mpost lit-tfal tal-appellant huwa dak li jkomplu jattendu l-iskola *fejn* huma reġistrati ("shall continue to attend 'such' school regularly"), sakemm jieħdu ċ-ċertifikat li għaddew l-aħħar eżami tal-ogħla klassi f'dik l-istess skola. Il-kliem tal-liġi huwa ċar biżżejjed, u għalhekk mhux il-każ ta' interpretazzjoni biex jiġi ndott il-ħsieb tal-leġislatur. Ċirkustanza li tkompli ssaħħaħ din il-konklużjoni *tidderiva mill-fatt li fl-istess dispożizzjoni* (art. 2(1) (a)) tinsab prospettata l-fakoltà 'li tifel jiġi trasferit' minn skola publika primarja għal oħra fil-kontinġenza hemm

kontemplata, jiġifieri meta t-tifel jgħaddi l-klassijiet kollha fl-iskola fejn ikun u f'distanza raġjonevoli jkun hemm skola oħra li jkollha klassijiet iżjed għolja. Dana jsir għaliex f'ċerti skejjel jonqsu l-ogħla klassijiet, u biex it-tifel ikun jista' jieħu ċ-ċertifikat li għadda l-aħħar eżami tal-ogħla klassi fl-iskejjel primarji. Kieku, kif jippretendu l-appellati nomine, il-Gvern kellu l-fakoltà li jittrasferixxi t-tfal minn skola għall-oħra, ma kienx ikun hemm raġuni għall-imsemmija dispożizzjoni ta' natura eċċezzjonali, billi l-istess kienet tkun tinsab kompriża f'dik il-fakoltà ġenerali pretiża;

Fin-nota tagħhom fil-fol. 15 tal-proċess, l-appellati nomine rrilevaw li għall-kliem "shall continue to attend 'such' school regularly" fit-test ingliż tal-imsemmi art. 2 jikkorrispondu fit-test malti l-kliem "għandu jibqa' jmur fi skola 'bħal dik' regolarment". Fuq dan ir-riljev, apparti l-fatt li meta saret il-liġi (Ordinanza nru. IV tal-1946) it-test diskuss fil-Kunsill tal-Gvern kien l-ingliż, u li dak iż-żmien, bħala regola, lanqas kien permess l-użu tal-ilsien malti f'dak il-Kunsill, hija regola stabbilita fil-Kostituzzjoni (art. 33 tal-"The Malta (Constitution) Letters Patent, 1947"), li meta t-test ingliż u t-test malti ma jkunux jaqblu bejniethom, għandu jipprevali u jkun jgħodd it-test ingliż;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellati ssottomettew li, biex wieħed jasal biex ikun jaf x'kien il-ħsieb tal-leġislatur, għandu jiġi ndagat l-iskop tal-liġi, u fir-riċerka ta' dan l-iskop iddilungat ruħha s-sentenza appellata. Iżda, kif ġa fuq ġie rilevat, hija regola li, meta dispożizzjoni tal-liġi tkun ċara, ma tagħtix lok għall-interpretazzjoni; u dan in applikazzjoni tal-prinċipju ta' ermenewtika legali "ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio", jiġifieri mhix ammissibbli r-riċerka loġika jekk il-kliem tal-liġi huma ċari. Huwa veru li hemm kanoni ieħor ta' interpretazzjoni, li jgħid "non mens verbis sed verba menti servire debent"; iżda dan jista' jsib l-applikazzjoni tiegħu meta l-ħsieb u l-intenzjoni tal-leġislatur toħroġ u tiġi magħrufa mill-kontest tad-dispożizzjonijiet kollha tal-istess liġi;

U li dan huwa s-sistema adottat mill-leġislatur tagħna jidher mill-art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li jittrattaw fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratti. Fl-ewwel artikolu (1045) jinsab stabbilit, li, meta l-espressjonijiet ta' konvenzjoni jkunu ċari, ma jkunx hemm lok għall-interpretazzjoni ("ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio"); u fit-tieni (1046) jingħad li, meta s-sens tal-kelma ma jaqbelx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, "kif ikun jidher ċar mill-partijiet meħudin kollha flimkien", għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet ("non mens verbis sed verba menti servire debent"). Għalhekk, ir-regola li r-riċerka loġika ma għandhiex tiġi ammessa ssofri eċċezzjoni meta mill-kontest tal-liġi kollha tirriżulta l-intenzjoni u l-ħsieb tal-leġislatur, b'mod li lid-dispożizzjoni partikulari għandha tingħata interpretazzjoni diversa mis-sens letterali tagħha, bil-konsegwenza li f'dan il-każ jipprevali l-kanoni "non mens verbis sed verba menti servire debent";

Dan mhux biss ma jirrikorrix fil-każ in eżami, iżda, għar-raġunijiet superjorment żvolti, riżultanti mid-dispożizzjoni tal-art. 2(1)(a), is-sens letterali tad-dispożizzjoni in kwistjoni huwa ċar, u jaqbel mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi; u għalhekk ma hemmx bżonn tar-riċerka loġika biex jiġi nterpretat;

Il-ġurisprudenza ngliża fil-materja ma tħallix dubju fuq dak li ġie fuq espost; u bil-kemm mhix iżjed rigoruża. Jgħid il-Maxwell (Interpretation of Statutes, pages 4 and 5, edit. 1953), fuq l-awtorità ta' deċiżjonijiet minnu hemm ċitati, li "when the language is not only plain but admits of but one meaning, the task of interpretation can hardly be said to arise. It is not allowable, says Vattel, to interpret what has no need of interpretation. 'Absoluta sententia expositore non indiget'. Such language best declares, without more, the intention of the law-giver, and is decisive of it. The rule of construction is to intend the legislature to have meant what they have actually expressed. It matters not, in such a case, what the consequences may be. Where, by the use of clear and un-

equivocable language capable of only one meaning, anything is enacted by the legislature, it must be enforced, even though it be absurd or mischievous. The underlying principle is that the meaning and intention of a statute must be collected from the plain and unambiguous expressions used therein, rather than from any notions which may be entertained by the Court as to what is just or expedient. The words cannot be construed contrary to their meaning, as embracing or excluding cases merely because no good reason appears why they should be excluded or embraced. However unjust, arbitrary or inconvenient the meaning conveyed may be, it must receive its full effect. When once the meaning is plain, it is not the province of a Court to scan its wisdom or its policy. Its duty is not to make the law reasonable, but to expound it as it stands, according to the real sense of the words. Where, as here, the legal issues are not open to serious doubt, our duty is to express a decision, and leave the remedy (if one be resolved upon) to others;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit li l-kliem tal-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 2 tal-Ordinanza numru IV tal-1946 huma ċari, u ma jammettux interpretazzjoni ħlief dik li toħroġ mis-sens letterali tagħhom, jidher evidenti li l-obligu mpost mill-liġi lit-tfal tal-appellant Tessie u Rose huwa dak li jkomplu jattendu l-Iskola Publika Primarja tal-Furjana, fejn jinsabu reġistrati, waħda mill-1952 u l-oħra mill-1955, sakemm jottjenu mill-"headmaster" jew "headmistress" ta' dik l-iskola ċ-ċertifikat li għaddew l-eżami finali tal-ogħla klassi ta' dik l-iskola. Dana l-obligu tagħhom huma għandhom id-dritt li jikkonformaw ruħhom għalieħ skond kif jinsab impost mill-liġi; u għalhekk għandhom id-dritt jopponu għal kwalunkwe provvediment li jvarja l-kondizzjonijiet fl-espletament ta' dak l-obligu tagħhom;

Konsegwentement, l-appell jistħoqqlu jiġi milqugħ, b'adeżjoni għad-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, in sostenn tat-teżi minnha propunjata, l-Ewwel Qorti ċċitat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, *Sedi tal-Appell*, tas-6 ta' Marzu 1926 (Vol. XXVI-IV-810). Iżda l-espożittiva tal-fatti f'dik is-sentenza turi li l-fattezzi tal-każ kienu assolutament diversi minn dawk tal-każ preżenti, fosthom il-presuppost, riżultat mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, li l-iskejjel "kollha" elementari tal-Gvern kellhom "gli stessi gradi, lo stesso numero di classi, e lo stesso insegnamento" — ħaġa li ma tirrikorrix fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha; billi, kif ġa ġie fuq rilevat, it-tagħlim tal-iskola fejn *Tessie* u *Rosa Armeni* ġew *trasferiti* ma jasalx għall-istess grad għoli tal-iskola tal-Furjana. Barra minn hekk, kwantu għall-interpretazzjoni kontenuta fl-imsemmija sentenza, din il-Qorti ma taqbelx magħha. Għandu anki jiżdied li dak li l-lum hu l-proviso (a) tal-art.2(1) tal-Ordinanza numru IV tal-1946, li, kif ingħad, għandu importanza kbira f'din il-kawża, "ma kienx jeżisti" meta ngħatat dik is-sentenza, għaliex ma kienx fl-Att XXII tal-1924, imma ġie ntrodott l-ewwel darba bl-Att numru VIII tal-1927;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba:

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddeċidi adeżivament għad-domandi tal-attur proprio et nomine; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati nomine.